# Kunsill Lokali Ħal Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404.
Telefon : 21689168, 21641487, 21640290 Fax : 21689796
E-Mail : safi.lc@gov.mt Web Page : www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru ħamsa u tletin (35) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-5 ta' Awwissu, 2009, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi, fis-6:00pm.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Deputat Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana (KLĦS) |
| | Hector Spiteri | Busuttil & Micallef |
| | Eric | Busuttil & Micallef |
| | Dr Charmaine Cherret | Avukat tal-KLĦS |

1. Is-Sindku, **Pietru Pawl Busuttil, ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta preċedenti** kienu mqassma lill-kunsillieri ma' l-agenda, ittieħdu bħala moqrija, ma kien hemm l-ebda korrezzjoni, ġew approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Wara li kienet ikkunsidrata għolja wisq l-istima tar-restawr tal-**istatwa u n-niċċa ta' San Ġużepp** ta' Agius Stone Works (€1,165), inġiebet stima oħra ta' restawratur ieħor (€466), (minkejja li sakemm bdiet il-laqgħa formalment konna qed nistennewha tkun bil-kitba u sfortunatament kien għadha ma waslitx), sabiex mingħajr ma tinqala l-istatwa minn postha, jsirilha r-restawr neċessarju. Din il-persuna, hu antiċipat illi fil-waqt illi tkun qed tagħmel dan ir-restawr, joffri tagħlim lill-istudenti tiegħu, fuq dan ix-xogħol. Kien propost fanal għal ma' din l-istatwa, għall-liema proposta, d-DSE issuġġerixxa wieħed li jaħdem bl-enerġija solari mingħajr ma jkollu l-pannelli jidhru mit-triq.

3.2 Id-Deputat Sindku, għamel mawra sas-sit fejn kienu maħsuba li jinsabu l-**għerien tal-Liebru**, msemmija fis-seduta preċedenti mill-istoriku Pawlu Callus. Publius Abdilla qal li dawn l-inħawi jidhru li huma kollha privati u minn barra ma jidher xejn minkejja li m'hemm l-ebda prova li kienu jinsabu hemm.

3.3 Dwar l-**isqaq tal-Karwija qalb ir-raba,** l-uffiċċjal tal-Gvern Phillip Bugeja, reġa' mar jara s-sit. F'dan l-isqaq kien stabbilit li hemm diżlivell ta' sitt filati. Madankollu jidher li ntlaħaq kompromess ma' bidwi li lest li jilqa' l-ilma tax-xita kollu fil-propjeta' tiegħu, għaliex dan qed jagħmel ħafna ħsara fl-istess sqaq. Is-Sindku qal li b'sempliċiment spiża ta' pompa ta' l-ilma, nistgħu nippreservaw l-istess *storm water run off,* filwaqt li ngħinu l-bdiewa mingħajr ma jinqala' kull darba l-istess sqaq tal-Karwija. Pietru Pawl Busuttil qal illi dan l-isqaq kienu

għollewh apposta l-bdiewa, biex ma joħroġx minnu l-istess ilma tax-xita u jifqa' l-għelieqi fil-maltemp.

3.4 Dwar il-bini ta' stekkat ***(hoarding wall)*** minkejja li għadna mingħajr risposta se jsir kif intqal fis-seduta preċedenti, jiġifieri se jittieħdu r-ritratti u nibgħatuhom għand l-awtoritajiet għaliex dawn lanqas weġbuna dwar il-każ partikulari tagħna.

3.5 Id-Deputat Sindku qal li hu ma jistax jemmen kif issir **kollużżjoni f'siġra** fil-pjazza tar-raħal fid-dawl tax-xemx, mingħajr ma jinqabad min wettaqha. Hu rrimarka għan-nuqqas ta' l-awtoritajiet konċernati għaliex kull meta jiġri dan, suppost ikun hemm rapport formali l-għassa tal-pulizija u l-informazzjoni ma tistax tkun miċħuda lill-KLĦS.

3.6 Dwar il-**pendenzi ta' €9,680** mad-Dipartiment tad-Distretti (Diviżjoni tax-Xogħlijiet) il-Kunsill issa ingħata appuntament nhar l-14 ta' Awwissu, 2009 fid-9:00am biex jitkellem ma' l-Avukat tad-Dipartiment. Intant, dawn ix-xogħlijiet fis-seduta preċedenti intqal li saru fuq Ġnien Ball.

3.7 Se nsegwu l-każ ta' proposta ta' **Club tal-Futbol** ta' Ħal Safi billi niktbu liż-żewġ persuni li kienu attendew il-laqgħa pubbliku ħalli naraw jekk jaċċettawx li jkunu involuti fit-tmexxija ta' dan il-club, jew inkella jsibu persuni oħrajn li jidħlu responsabbli għat-twaqqif tiegħu.

3.8 Se niktbu lis-Sovratendenza Patrimonju Kulturali dwar propost Att ta' Kurazija, fejn il-KLĦS se juri ix-xewqa tiegħu biex ix-**Xelter tal-Gwerra** li jinsab fil-Pjazza tar-raħal, ikun jista' jgħaddi fir-responsabilta' tagħna.

3.9 Konxji mill-fatt illi ġeneraturi fil-**festa tar-raħal** ikunu ta' nkonvenjent mhux biss għal ġirien iżda wkoll għall-istess viżitaturi li jiġu jiċċelebraw il-festa magħna, il-kunsillieri staqsew lill-Dorianne Zammit jekk fl-applikazzjonijiet kienx hemm imniżżel jekk dawn jistgħux jużaw il-ġeneratur. Peress li t-tweġiba kienet fl-affermattiv, minkejja li l-istess regolamenti jesiġu li dan ikun wieħed silenzjuż, il-Kunsill issa jrid iżomm ma din ir-regolamentazzjoni anke fil-permess. Ta' l-anqas għall-kabbani ta' l-ikel. Intant fil-ġranet li ġejjin se jinqatgħu il-permessi lil dawn is-sidien tal-kabbani, u l-kunsillieri se jagħtu daqqa t'id fl-amministrazzjoni tagħhom billi jassiguraw li jkun hemm kollox fl-ordni.

4. Fis-6:25pm ingħaqdet mal-kumplament tal-persuni l-oħra preżenti, Dr Charmaine Cherret, l-avukat tal-KLĦS. Hector Spiteri introduċa lil Eric Debattista ma' Dr Charmaine Cherret u stieden lil sieħbu biex jaqra r-**rapport ta' l-investigaturi** tal-Kunsill fil-konfront ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv Jason Cutajar. F'dan ir-rapport, ġie dokumentat illi filwaqt li l-investigaturi kienu qed iduru s-snin 2002-3, ġie stabbilit li kien hemm aktar fondi (addizzjonali) misapproprijati għas-snin 2004-6, liema fondi ma kienux ġew imdaħħla fir-rapport tagħhom preċedenti. Hector Spiteri qal illi kienet identifikata l-ġurnata tal-11 ta' Mejju, 2002, fejn l-eks Segretarju waqaf illi jirrikonċilja l-introjtu ma' kull depożitu li jsir il-bank.

Hu qal li Jason Cutajar bidel is-sistema totalment wara din il-ġurnata. L-avukata staqsiet il-KLĦS jekk kienx konxju ta' din il-bidla, liema bidla s-Sindku (l-uniku kunsillier li kien *in office* u għadu wkoll sa' din il-leġislatura) ma jafx biha. L-investigaturi għamlu referenza għal kotba tar-riċevuti li inxtraw *off the shelf* minn għand *stationery* kwalunkwe li m'humiex uffiċjali. Skond l-investigaturi, issa li ingħalqet l-investigazzjoni kollha ta' Jason Cutajar, kien identifikat illi kien hemm total ta' fondi misapproprijati fil-KLĦS ta' €81,413.38. Minbarra dawn, hemm ukoll l-ispejjeż ta' l-investigaturi u l-avukat x'wieħed għad irid jirkupra lura fil-KLĦS. Is-SE kien mitlub sabiex jagħmel skeda bit-totali kollha ta' l-ispejjeż s'issa. Kopja ta' dawn ir-rapporti se jkunu mibgħuta lid-Direttur Gvern Lokali, u wara li l-investigaturi telqu mill-kamra, l-KLĦS baqa' jiddiskuti ma l-avukat.

5. Dr Cherret qalet illi l-aħħar li kitbilha Dr Montalto (għan-nom ta' Jason Cutajar) kien fit-8 ta' Lulju, 2009 fejn kienet saret il-proposta li Cutajar iħallas €15,000 mill-ewwel (*down payment*) u jkopri l-ispejjeż kollha xahar b'xahar, liema proposta ma kienetx intlaqgħet mill-KLĦS u aktar issa li l-ammonti komplew jiżdiedu. L-avukat qalet illi jekk jaċċetta (mingħajr ma tinfetaħ kawża ċivili), l-aħjar li jsir huwa **kuntratt quddiem nutar biex issir ipoteka speċjali u privileġġ**. Kienu diskussi l-interessi li skond l-avukat dawn jibdew jiddekorru mhux minn meta sar il-misapproprijazzjoni, iżda minn meta jibda' l-att ġudizzjarju. Għad-domanda ta' Dr Cherret, il-KLĦS iddeċieda li l-offerta għandha tkun li nofs l-ispejjeż għandhom jitħallsu minn Cutajar minnufih u mbagħad il-kumplament jinqatgħu fix-xahar bil-patt li sa leġislatura oħra l-Kunsill ikun ġab il-kotba kollha f'posthom. Intant, biex ma jintilifx aktar ħin, l-avukat se tkellem lill-Ispettur u titlob laqgħa ma' Cutajar u l-avukat tiegħu liema laqgħa tista' tinżamm fil-bini tal-Qrati ta' Malta, biex nippruvaw naslu għal dan il-ftehim mingħajr ma' wieħed itawwal iż-żejjed b'kawża ċivili. Għal din il-laqgħa hu maħsub li jattendu s-Sindku u d-DSE. L-avukat ħarġet mill-Muniċipju fis-7:30pm u l-KLĦS kompla bil-laqgħa tiegħu.

6. Komplew il-punti mill-minuti:

6.1 Il-kwistjoni tal-**projbizzjoni tal-parkeġġ** bil-linji sofor miżbugħa fit-triq fl-inħawi ta' Bieb il-Ġarra kantuniera ma Triq San Ġwann, liema każ imur lura xhur ilu fejn is-Sinjur Olivia Sammut kienet daħħlet l-Ombudsman bħala medjatur, kien diskuss. Dan l-aħħar ċertu Charles Muscat mid-Direttorat għall-Immaniġjar tat-Traffiku fi ħdan l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, ċempel lis-Sindku u nfurmaħ li hu kien immarka b'żebgħa ħamra t-tulijiet tal-linji s-sofor, biex il-KLĦS jirrimedja viċin il-Confectionery bl-isem Mon Cherie. Is-Sindku qal li fl-ideja tiegħu it-tulijiet li jipprojbixxu l-parkeġġ huma esaġerati. Il-KLĦS iddeċieda li jistenna dan kollu bil-miktub qabel ma jwettaq tiswijiet ta' linji sofor f'din it-triq.

## 7 Korrispondenza

7.1 Il-KLĦS se jagħti **refużjoni** lil Ms Polidano u lil Ms Desira għaliex it-tfal tagħhom naqqsu illi jattendu għal kors tal-ġinnastika u skola sajf rispettivament.

Dan minħabba l-biża' ta' mard ta' influwenza A H5N1. It-talbiet ta' dawn il-persuni kienu parti mill-korrispondenza.

7.2 Il-KLĦS ikkonċeda wkoll li jagħddi **pagament ta' €4,660** lil Busuttil & Micallef tax-xogħol investigattiv li sar fuq l-operat tal-Kunsill fil-konfront ta' l-eks SE Jason Cutajar. Din l-insistenza saret minn din il-kumpanija stess aktar kmieni f'din il-laqgħa.

7.3 Kienet imsemmija l-ittra mill-ADT fejn nhar il-**Ġimgħa, 7 t'Awissu, 2009**, se jsir seminar għall-Kunsilli Lokali fuq l-**eżekuzzjoni ta' xogħol fit-toroq** ta' Malta. Peress li dan ħabat ma stedina oħra mportanti li saret mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali lis-SEi biex ikunu jafu kif se jagħmlu biex joħorġu s-sejħa internazzjonali għall-kuntratt il-ġdid tal-**ġbir ta' l-iskart organiku,** l-istess seminar ta' l-ADT kien pospost għal ġurnata aktar tard. Intant hemm ukoll laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki wkoll fl-istess ġurnata organizzata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

7.4 Publius Abdilla attenda laqgħa li saret dwar il-libreriji pubbliċi aktar kmieni din il-ġimgħa. Matulha, minbarra l-**għotja ġeneruża ta' kotba,** konna pprovduti b'**allokazzjoni addizzjonali** mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali talli d-delega tal-librerija pubblika tinsab f'idejn il-Kunsill, kif ukoll ***token* ta' €100** biex jissarrfu f'kotba tal-pubblikazzjoni MidSea Books.

7.5 Korrispondenza oħra mill-MEPA kienet murija flimkien ma **pjanti ġodda għal Misraħ San Ġużepp** biex saret l-emenda li kienet diskussa fil-pjanti l-ġodda kif diskussi mal-Perit Robert Musumeci. Ta' din l-emenda l-KLĦS se jkollu jħallas il-fee stabbilita mill-MEPA.

7.6 Korrispondenza mill-Kumitat Konġunt Zurrieq ta' l-Infurzar tal-Liġijiet li titkellem fuq inċident li seħħ diversi ġimgħat ilu fi Triq San Ġwann, titlob lir-rappreżentanza tal-KLĦS bħala xhieda ta' **crane armat mingħajr il-permess** minn Mark Vella. Is-Sindku qal li minkejja li s-smiegħ huwa għall-15 ta' Ottubru, 2009 fis-1330hrs, l-istess Vella kien imħeġġeġ iħallashom għaliex il-permess kien sar wara li marru l-gwardjani lokali fis-sit u sabu it-triq magħluqa.

7.7 L-applikazzjoni għall-**ispustjar tal-kaxxa tat-telefon** issa ġiet irtirata wara li sibna soluzzjoni alternattiva bl-erezzjoni ta' waħda oħra. Intant se nagħmlu t-talba tagħna formali mal-GO biex f'dik eżistenti jwaħħlu sett tat-telefon antik bħala attrazzjoni.

7.8 Stedina li saret lill-Kunsill kienet biex ikun nominat anzjan biex ismu jitressaq fi ħdan il-bord għall-**Anzjan tas-Sena**.

7.9 Se nikkomunika mal-Perit Musumeċi u s-Sur Martin Dalmas ħalli nipproċedu b'dak li kien propost biex jitneħħa l-inkonvenjent ta' l-**ilma tax-xita fil-Karwija** billi l-ilma jmur f'ħażna għall-bdiewa fl-MIA.

7.10 Stedina oħra li wkoll għamlulna mid-Dipartiment għall-Edukazzjoni għall-adulti hija dik tal-**Malti bażiku** biex noffru l-premises u ssir sejħa għar-residenti tagħna.

7.11 Se nwieġbu lil **famija Spiteri** għal żewġ talbiet differenti, waħda dwar proposti tabelli biex juru id-direzzjoni tal-LIDL u l-oħra biex tiġi rtirata kontravenzjoni. Dwar ta' l-ewwel billi l-KLĦS m'għandux fir-responsabbilta' tiegħu id-direzzjoni ta' stabbilimenti iżda ta' villaġġi oħra u siti ta' nteress u dwar ta' l-aħħar billi nitolbuhom jagħmlu t-talba tagħhom lill-Bord tal-Petizzjonijiet u jikkupjawha lill-Kumitat Konġunt Zurrieq.

7.12 Kienet diskussa kif it-talba tagħna li niffurmaw parti mill-**GAL Xlokk** kienet irrifjutata minn dan il-*local action group*. Intat se nivverifikaw mal-Kumitat tal-Majjistral min huma l-membri fi ħdanu.

8 Ma' ġietx diskussa t-tema ta' **mmaniġjar ta' toroq** li kienet fuq l-agenda, jiġifieri dik ta' Triq Irqajja kantuniera ma Triq Bieb il-Ġarra. Dan minħabba li kien sar il-ħin u huwa antiċipat li din tieħu fit-tul biex nibdew niddiskutuha wara t-8.30pm.

9 Kienet approvata l-***Payment Approval Sheet*** numru sitta u għoxrin (26).

**10 Punti oħra.**

10.1 Jerome Busuttil semma' tliet punti. Ix-**xogħol li għad fadal li jsir minn Polidano Bros bil-*Hot Rolled Asphalt*** f'kanali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma li huma mniżżla 'l isfel fit-toroq, id-diffikulta' tar-road marking paint li qed titfi' malajr wisq. Hawn hu antiċipat illi nitolbu lill-istess SR Handaq biex tgħaddilna l-formula apposta kemm din għandha tiżdied bit-thinner u l-inspection box fuq bankina quddiem il-kunvent tas-sorijiet fi Triq iż-Żurrieq li tinħtieġ manutenzjoni.

10.2 Dwar **ingombru fit-toroq**, issemmew it-trailers fi Triq il-Kaċċaturi li qed joħolqu ostakolu.

10.3 Jidher li kien hemm ukoll xi tħassir ta' żebgħa bajda (***road marking***) fit-triq biswit ir-residenza ta' l-Onor Ninu Zammit. Dwar dan se naraw eżattament x'seta ġara u min għamilhom.

10.4 Il-Viċi Sindku qal illi Ġamrini ta' Ħaż-Żebbuġ għandu **spralli addattati** għal proposta li kienet saret biex intaffu il-problema ta' l-ilma tax-xita fis-sit ta' Ġawhar. Dawn jiswew €32 u għandhom tul ta' metru b'wisa' ta' 8''. F'dan is-sit trid tingħalaq it-triq bi pri-avviż lill-bdiewa minn ġranet qabel ħalli l-inkonvenjent waqt il-ġurnata u l-ħin tax-xogħol ikun mill-inqas.

10.5 Il-Viċi Sindku semma' wkoll li reġa' **żdied il-ħmieġ** fejn l-appartamenti magħrufa bħala ta' l-**Aħmar**, għaliex jidher li r-residenti kollha ta' dawn il-

kerrejjiet qed joħorġu l-iskart fit-triq minn ġranet qabel mingħajr ma jkellimhom ħadd.

10.6 Quddiem il-Kunsill issemma' 'complaint' ta' **persuna suspettuża**, u se ngħaddu t-tagħrif lill-awtoritajiet.

11 Is-Seduta ntemmet fid-9.30pm u dik li jmiss se tinżamm fl-**20 ta' Awissu, 2009** fis-**6:00pm**.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum /8/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku